# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru  42**

**Citaz.  numru:  1141/96 NA**

**Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tal-Qorti tal-10 ta' Dicembru 1999 giet awtorizzata korrezzjoni fl-occhio tal-kawza u "Korporazzjoni Telemalta" ghandha tigi sostitwita bil-kliem "Socjeta' Maltacom plc"**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fil-11 ta' April 1996 fejn ippremettiet:

"Illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tal-konvenut, kienet istallat is-servizz telefoniku bin-numru 572542 fil-fond 5, Scarside, Il-Kortin, Mellieha u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness Dokument "A" u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas-*service agreement* ezistenti bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess *service agreement* il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabbiliti mill-korporazzjoni attrici;

Illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont bilancjali ta' Lm2487.80 (elfejn, erba' mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (*pulses/calls*), kera tal-linja u ghall-xoghol *extra* u dana skond ma kif jirrizulta mill-*istatement* immarkat bhala Dokument "B";

Ukoll illi l-istess konvenut gie interpellat ihallas is-somma msemmija izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

TALBET li din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm2487.80 (elfejn, erba' mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu) dovuta ghall-uzu (*pulses/calls*), kera tal-linja u ghall-xoghol *extra* in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 572542 liema stallat (sic) kien gie stallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond 5, Scarside, Il-Kortin, Mellihea fuq talba tal-konvenut;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti esebiti.

Fis-seduta tal-4 ta' Novembru 1998 il-kawza giet differita *sine die* pero' wara rikors tas-socjeta' attrici tat-12 ta' Novembru 1998 regghet giet appuntata ghall-4 ta' Gunju 1999.

In-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut kienet tardiva u proprju fis-seduta tal-4 ta' Gunju 1999 talab biex jiggustifika

din it-tardivita'. Huwa pero' ma deherx ghas-seduta tal-10 ta' Dicembru 1999 fejn kellu jaghti r-ragunijiet in sostenn tat-talba tieghu kif anqas ma deher id-difensur tieghu. Il-Qorti ghalhekk iddikjaratu kontumaci w ordnat l-isfilz ta' l-eccezzjonijiet tieghu.

B'rikors tat-18 ta' Jannar 2000 il-konvenut spjega l-assenza tieghu ghas-seduta u talab li jitpogga fl-*istatus quo ante*. Ghal din it-talba kien hemm il-visto tal-kontro-parti u b'digriet tas-6 ta' April 2000 it-talba giet milqugha. Fis-seduta tat-12 ta' April 2000 il-konvenut spjega lill-Qorti li n-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu kienet tardiva peress illi l-ghada li kien ircieva c-citazzjoni huwa kien siefer u sa meta gie lura kien ghadda t-terminu. Il-Qorti ordnatlu biex fid-differiment li kien imiss igib il-Passaport tieghu in sostenn ta' dak allegat. Dak allegat mill-konvenut pero' ma rrizultax minn ezami li l-Qorti ghamlet tad-dokument tieghu u ghalhekk fis-seduta tat-18 ta' April 2000 gie verbalizzat: "*Il-Qorti ghalhekk filwaqt li tiddiferixxi l-kawza ghall-provi attrici tistieden lill-istess konvenut, biex proprju ikun inghata l-beneficcju kollu tad-dubju biex sad-differiment li jmiss jindika lill-Qorti precizament id-dati tas-safar tieghu u fejn dawn jirrizultaw mill-istess passaport.*"

Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2000 la deher il-konvenut u anqas id-difensur tieghu filwaqt li dak ordnat mill-Qorti ma sarx u l-Qorti ghalhekk iddikjarat lill-konvenut mill-gdid fi stat ta' kontumaci w ordnat l-isfilz tan-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu. F'din is-seduta xehed il-Prokuratur Legali Noel Scerri ghas-socjeta' attrici. Huwa kkonferma li l-ammont mitlub fic-citazzjoni kien ghadu kollu dovut mill-konvenut. Il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi mressqa li, ghar-ragunijiet fuq moghtija, ma gewx ikkontestati jirrizulta illi t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha w il-Qorti qieghdha ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u sebgha u tmenin liri Maltin u tmenin centezimu (Lm2487.80c0) dovuta ghall-uzu, (*pulses/calls*), kera tal-linja u xoghol *extra* in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 572542 liema servizz kien gie stallat mill-Korporazzjoni attrici fil-fond 5, Scarside, il-Kortin, Mellieha fuq talba tal-konvenut.

U dana bl-ispejjez ta' din il-kawza u bl-imghax legali.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.